**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 432/00**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Sandro Zarb)**

**vs**

**Mohamed Taisir Al Daghaim**
**ta' 34 sena, ta' nazzjonalita' Gharbija**
**iben Hassan u Khadija**
**mwieled Idlab Jornaz (Sirja) fil-**
**1 ta' Jannar 1999 u detentur**
**tal-passaport Libjan numru 499866 (M).**

**Illum 20 ta' Novembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mohamed Taisir Al Daghaim li gie akkuzat talli f'dawn l-ahhar jiem f'dawn il-gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-Art. 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli matul l-istess zmien iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' propjeta' pubblika, jew li jkunu qeghdin taht il-kustodja pubblika jew xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri jew marki ukoll jekk dan sar bl-uzu falz tal-ghodda vera bi ksur tal-Art. 172 u 176 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli matul dawn l-ahhar xhur minghajr ma inghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess

minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-Art 5 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti skond il-ligi, tiddikjara lill-imsemmi Mohamed Taisir Al Daghaim bhala Immigrant ipprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu 'a tenur tal-artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dawn il-proceduri jigu trattati bi proceduri sommarji. (fol 5)

Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (fol 4).

Ikkonsidrat

Illi kif ben irrizulta mill-provi prodotti illi cioe l-Immigration Officer it-timbri wzati fuq il-passaport ta' l-akkuzat, li jkunu dejjem fil-pussess taghhom, jew skond huma meta mhux uzati kkustoditi, ma kinux maghmula minnhom fuq l-istess passaport.

Illi jirrizulta li l-akkuzat jista kien hawn Malta oltre z-zmien lilu permess mill-ligi.

Illi pero' l-Qorti baqghet ghal kollox bla konkluzjoni konklussiva minn dak li rrizulta fir-relazzjoni ta' l-espert Ivan Formosa specjalment fuq dak li jikkoncerna t-timbru numru 46. Din il-Qorti fil-fatt talbet li terga' tisma lill-istess espert li pero' jinsab assenti minn dawn il-gzejjer ghal zmien indefinit.

Illi in kwantu l-istess rapport jixhet dubju (mhux car) fuq timbru wiehed in kwantu wkoll tali dubju ghandu jmur a favur l-akkuzat, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ewwel zewg akkuzi ma gewx pruvati kontra Mohamed Taisir Al Daghaim.

In vista ta' l-ahhar akkuza rat ukoll ic-certifikat taz-zwieg esebit mill-imputat a fol 41.

Ghaldaqstant in vista tal-premess qeghda in vista li nxtehet dubju fuq it-timbru tal-passaport (vide rapport ta' l-espert Ivan Formosa) qeghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.